**_e_RESOURCE CENTRE FUQ IL-FAMILJA**

Il-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali għadu kemm nieda ċentru ta' informazzjoni u riċerka elettronika fuq il-familja u l-oqsma relatati.

Dan il-proġett huwa parti ntegrali mid-diskussjonijiet li l-Kumitat Parlamentari qed ikollu sabiex jikseb aktar għarfien fuq il-familja u t-tisħiħ tagħha. Ħafna minn din ir-riċerka ġiet mgħoddija lil dan il-Kumitat Parlamentari mingħand professjonisti fis-suġġett tal-familja.

F'dan iċ-ċentru ta' riċerka elettronika wieħed għandu jsib 130 artiklu u pubblikazzjoni minn pajjiżi u universitajiet differenti. F'dawn il-pubblikazzjonijiet jidher ċar l-importanza tal-familja bħala kapital soċjali li ssaħħaħ is-soċjetà.

Dan iċ-ċentru ta' informazzjoni u riċerka elettronika huwa aċċessibbli minn fuq il-*webpage* tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali li tinsab fuq il-*website* tal-Parlament ta' Malta www.parliament.gov.mt.

Kull min jixtieq jagħmel kuntatt mal-Kumitat jista' jagħmel użu mill-*email* ġeneriku socialaffairs.parliament@gov.mt u jindirizza l-ittra liċ-*Chairperson* tal-Kumitat, l-Onor Edwin Vassallo MP.

**DOI – 14.11.2008**